Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1916/2002

**Blanche Camilleri**

**Vs**

**Priyatosh Dey**

**It-Tribunal**

It-Tribunal ra l-Avviz fejn l-attrici talbet li l-konvenut ihallas Lm244.54c (mitejn u erbgha u erbghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) rappresentanti danni wara incident tat-traffiku kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li mhux responsabbli ghal incident.

Ra d-dokumenti u sema' x-xhieda.

Ikkunsidra li l-attrici u ohtha t-tnejn xehdu bil-gurament li l-konvenut irriversja fuqhom.

Il-konvenut ammetta li rriversja izda qal li waqaf qabel ma dahlet fih l-attrici.

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut qal: “I was thinking that I was a bit too far in front so I reversed one metre. I stopped and suddenly I found that the plaintiff had crashed into the back of my car.” Imbaghad fil-kontro-ezami l-konvenut qal li “Before I reversed I saw that there was no car”.

Illi kieku l-konvenut hares warajh qabel ma rriversja kien jinduna bil-karozza tal-attrici.

Illi mix-xhieda prodotti jirrizulta li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident ghaliex irriversja minghajr attenzjoni mehtiega u habat fil-karozza tal-attrici. Il-versjoni tal-attrici u ta’ ohta hi versjoni kredibbli. Il-versjoni tal-konvenut hija inqas kredibbli.

Id-danni ma gewx ikkontestati u jidhru ragjonevoli.

Ghalhekk jilqa’ t-talba attrici u jordna lil konvenut ihallas lil attrici l-ammont ta’ Lm244.54c (mitejn u erbgha u erbghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz (19 ta’ Awissu 2002).

--------------------------------TMIEM--------------------------------